**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Nadine Lia B.A; LL.M (Kent); LL.D**

**Kump 397/2015**

**Il-Pulizija**

**(Supretendent Johann Fenech)**

**vs.**

**Claudio Ellul**

Illum is-16 ta' Gunju 2020

Il Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat:

Claudio Ellul ta' 29 sena, iimwieled Pieta' fit-18/08/1985, bin Louis u Maria Dolores nee' Baldacchino, residenti Nru 76, 'Lunaria', Triq Sir Paul Boffa, Zejtun u detentur ta' karta tal-identita' nru 415185M.

Akkuzat talli fl-20 ta' Frar 2015 gewwa z-Zejtun:

1. minghajr il-hsieb li toqtol jew li tqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkagunajt offiza gravi fuq il-persuna ta' Joseph Pisani minn Haz Zabbar, skond kif iccertifika Dr. Adrian Cordina MD mic-Centru tas-Sahha tal-Furjana;

2. hebbejt kontra l-istess Pisani sabiex tingurjah, iddejqu jew taghmillu hsara.

Il-Qorti hija mitluba li barra l-piena stabbilita ghal dan ir-reat tapplika l-provvedimenti ta' l-artiklu 383 tal-Kodici Kriminali ghas-sigurta' ta' Joseph Pisani.

Rat li matul l-ezami tal-imputat ai termini ta' l-artikolu 392(1) tal-Kodici Kriminali, l-imputat tenna li ma kienx hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu kif ukoll li l-ufficjal prosekutur ikkonferma li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu bil-miktub sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.[1]

Rat id-dokumenti kollha pprezentati inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja, hadet konjizzjoni tax-xhieda u d-dokumenti prodotti u fliet l-atti kollha tal-kawza u semghet lill-partijiet jitrattaw.

[1] Folio 4 ta' l-atti processwali

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif inhi diversament ippreseduta nhar il-10 ta' Mejju 2019 b'digriet moghti mis-Sinjurija Tieghu il-Prim' Imhallef Emeritus Dr. Joseph Azzopardi LL.D.[2]

Rat li fl-udjenza tas-7 t'Ottubru 2019 il-partijiet iverbalizzaw li ezentaw din il-Qorti kif preseduta milli terga tisma lix-xhieda prodotti.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi dan il-kaz imur lura ghal nhar l-20 ta' Frar 2015 meta l-pulizija giet mitluba taghti assistenza gewwa fond iz-Zejtun fejn il-persuna koncernata talbet l-assistenza tal-pulizija minhabba li kienet qeghda tigi msawwta minn zewgha Joseph Pisani. Meta l-pulizija acceddew fuq il-post l-imputat Claudio Ellul, li jigi hu l-mara li kienet qeda tigi msawwta mir-ragel, kien diga intervjena f'din il-kwistjoni. Gie allegat li l-imputat aggredixxa lil Joseph Pisani meta intervjena fil-kwistjoni ta' bejn ohtu u r-ragel taghha.

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti ser taghmel riferenza ghax-xhieda li nstemghet viva voce u ghad-dokumenti saljenti li hija semghet u li gew prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

[2] Folio 173-175 ta' l-atti processwali

Fis-seduta tas-26 ta' Gunju 2015 xehdet **WPS 219 Erica Abela**, stazzjonata I-ghassa taz-Zejtun. Hija tixhed li nhar l-20 ta' Frar 2015 kienet dettaljata bhala *second watch duty* gewwa I-ghassa taz-Zejtun u kienet dahlet telefonata ghall-habta tas-18:00hrs minghand certu Claire Pisani fejn talbet l-assistenza taI-Pulizija gewwa l-fond 76, Triq Sir Paul Boffa minhabba li kienet qieghda tissawwat minn zewgha Joseph Pisani. Dak il-hin ix-xhud ma kinitx l-ghassa u giet infurmata b'dan hekk kif waslet lura. Giet infurmata ukoll li Joseph Pisani kien mar l-ghassa u ma obdiex I-ordnijiet li gie moghti u beda jhedded li ha jmur joqtol lil martu u lit-tfal. Hija hadet il-verzjoni tal-imputat Claudio Ellul li qal "*jiena kont qieghed id-dar ta' ommi u smajt lil ommi tghajjat u twerzaq u indunajt li ohti Claire li kienet ma' zewgha Joseph bdew jiggieldu*". Skond din il-verzjoni, Claudio Ellul qal li x'hin kien niezel it-tarag, ra lit-tifel, jigifieri t-tifel ta' Claire u ta' Joseph izomm wiccu ghalhekk ipprova jdahhal lit-tifel 'il gewwa izda kompla jghid li x'hin huwa pprova jzomm lit-tifel, kien hareg barra u sab lil ohtu u lil Joseph jiggieldu. Claudio jghid li x'hin Joseph Pisani rah, dan ta' l-ahhar telaq jigri ghalih biex ihebb ghalih u flok qabad jaghtih, Joseph zelaq ma' I-art. Claudio qal ukoll li f'dak il-hin hu kien tela' gharkupptejh fuq Joseph u beda jzommu catt ma' I-art u Joseph beda jghid lil Claudio biex isawtu u Claudio kompla jghid li huwa ghamel hekk biex jipprotegi lil ohtu milli tkompli tissawwat minn zewgha. Claudio qal ukoll li dak il-hin intervjenew il-girien biex iferrquhom izda xorta wahda Joseph beda jipprova jmur ghalih. Meta Claudio kien fuq I-ghatba ta' ommu u kienet dehret li l-bicca ser tieqaf hemm, Claudio qal ukoll li imbaghad Joseph telaq minn fuq il-post. Ix-xhud qalet li dakinhar kellmet ukoll lil Joseph Pisani li ratu gewwa l-ghassa taz-Zejtun u kienet ittiehdet id-decizjoni li jigi arrestat minhabba

li deher li kien ta' periklu. Ix-xhud ikkonfermat ukoll li dakinhar, Pisani kien ittiehed gewwa centru tas-sahha ghax kien jidher li kellu xi griehi. Il-komportament tieghu gewwa l-ghassa kien wiehed ta' eccitament u rabbja u ma bediex jobdi l-ordnijiet moghtija lilu.

Fis-seduta tat-12 ta' Ottubru 2015 xehed **l-Ispettur Johann J. Fenech**, stazzjonat l-ghassa taz-Zejtun. Huwa stqarr li fl-20 ta' Frar 2015 ghall-habta tas-18:00hrs cemplet l-ghassa Claire Pisani li tigi oht l-imputat fejn din talbet intervent tal-Pulizija peress li skont hi, giet assaltata mir-ragel taghha Joseph Pisani li kienet qieghda tissepara minn mieghu u qalet li mar id-dar taghha biex jara lit-tfal u nqala' argument li zviluppa f'kommossjoni. Meta mbaghad intervjena huha Claudio Ellul is-sitwazzjoni iddegenerat. Ftit tal-hin wara din it-telefonata Joseph Pisani dahal l-ghassa u deher fi stat agitat. WPS 219 Erica Abela bdiet tipprova tikkalmah pero dan tant kien agitat u kommoss li kien hemm bzonn li jigi arrestat minhabba li m'obdiex l-ordnijiet moghtija lilu. Dak il-hin deher li kellu xi griehi fuq ghajnejh ix-xellugija u beda jghid li kellu xi ugiegh fi drieghu tal-lemin. Claire Pisani giet intervistata minn PS 219 fejn qalet li aktar kmieni qabel ma cemplet l-ghassa mar ir-ragel taghha Joseph Pisani biex jiehu t-tfal pero' t-tifel taghha Jake irrifjuta li jmur mieghu. Ir-ragel taghha beda jigbed lil Jake lejn il-bieb ta' barra tad-dar u kif kien qed jaghmel hekk habtitlu rasu mal-bieb. Skond ix-xhud, wara dan Joseph Pisani rvilla u skont martu taha daqqa ta' ponn f'wiccha. Din bdiet tghajjat u giet ommha u huha l-imputat jaraw x'gara. Meta intervjena huha inqalghet kommossjoni akbar u Joseph waqa' fl-art u habat rasu mal-bankina. Claire ipproduciet zewg certifikati mic-centru tas-sahha ta' Rahal Gdid, wiehed minnhom li ccertifikat lilha stess li qed

issofri minn griehi hfief u iehor fil-konfront tat-tifel taghha Jake li ukoll kien qed isofru minn griehi hfief. Ix-xhud spjega li wara dan, huwa kellem lil Joseph Pisani kif ukoll lill-imputat. Minn naha tieghu l-imputat irrifjuta id-dritt ghall-avukat u filfatt ta stqarrija.  In kontro-ezami, ix-xhud iccara illi huwa ma kienx fl-ghassa meta dahal ir-rapport imma kiseb l-informazzjoni minghand l-addetti tieghu kif ukoll waqt it-tehid tal-istqarrijet. Fir-rigward tal-griehi subiti minn Jospeh Pisani, ix-xhud stqarr li meta baghat ghalih l-ghada tal-incident, cioe' fil-21 ta' Frar 2015, huwa fil-fatt seta jara l-griehi fuq ghajnu x-xellugija u kellu idu nfaxxata n-naha tal-lemin. Jghid ukoll li jaf li prezentement il-parte civile Joseph Pisani qed jara lil uliedu tramite l-Agenzija Appogg imma ma kienx jaf jekk hemmx xi professjonisti partikolari involuti. Lanqas ma kien jaf jekk ittehditx il-verzjoni tat-tifel dwar dan l-incident. Mistoqsi jekk il-Pulizija kinitx identifikat lill-girien li setghu kienu fuq il-post, ix-xhud wiegeb li mill-informazzjoni li nghata minghand is-Surgent, hadd ma ried jinvolvi ruhu. Kienu intervjenew biss biex jikkalmaw is-sitwazzjoni. Ix-xhud ikkonferma li kien hemm okkazjonijiet precedenti fejn kien kellem lil Joseph Pisani dwar kwistjonijiet li kellu mal-mara tieghu u dan wara li ufficjali ohrajn tal-Pulizija kienu osservaw li Pisani kien fi stat tant agitat li hassibhom hazin dwar l-istabbilità psikjatrika tieghu. Ix-xhud gie mistoqsi mill-Qorti ghalfejn l-azzjoni fil-konfront tal-imputat Claudio Ellul ittiehdet relattivament tard filwaqt li Joseph Pisani kien tressaq il-Qorti b'urgenza taht arrest, ghal-liema domanda huwa wiegeb li kien inkwetat dwar Pisani minhabba li l-incidenzi bdew jeskalaw. Mill-banda l-ohra, qatt ma kien hemm rapporti precedenti dwar l-imputat Claudio Ellul.

Ix-xhud gie riprodott in kontro-ezami waqt is-seduta tal-11 t'Ottubru 2017. Huwa kkonferma li jaf li kien hemm proceduri ta' separazzjoni pendenti bejn il-parte civile u oht l-imputat. Jghid li jaf ukoll li kienu saru ghadd ta' rapporti minn Claire Pisani kontra zewgha dwar fastidju u *stalking* u jghid li jidhirlu wkoll li kien inhareg ordni ta' protezzjoni favur Claire Pisani oltre diversi kundizzjonijiet tal-bail fosthom illi ma jersaqx lejn l-istess Claire Ellul. Ix-xhud ikkonferma wkoll li jaf b'incident fejn allegatament il-parte civile mar quddiem l-iskola fejn imorru t-tfal u pponta pistola lejn martu. Madankollu huwa ma kienx involut fl-investigazzjoni ta' dan l-episodju u jaf ukoll li kien hemm xi investigazzjonijiet mill-*Vice Squad*.

Fis-seduta tat-12 ta' Ottubru 2015 xehed **Dr Adrian Cordina**, Tabib fic-Centri tas-Sahha tal-Gvern. Ix-xhud gharaf ic-certifikat rilaxxjat minnu ezebit in atti u xehed li fl-20 ta' Frar 2015 ghall-habta ta' 19:45hrs huwa ezamina lill-certu Joseph Pisani minn Haz Zabbar fic-Centru tas-Sahha tal-Furjana. Huwa kkonstata illi dan kellu nefha fuq imniehru, girfa fuq imniehru, tbengila madwar ghajnejh tax-xellug, nefha fuq ix-xoffa t' isfel, qasma fuq ix-xoffa ta' isfel li kienet tirrikjedi punt wiehed, nefha fuq il-forehead tal-lemin, u girfa fuq in-naha tal-lemin ta' dahru. Ix-xhud ikkonferma ukoll illi huwa kien irrefrera lil dan il-persuna ghal X-Ray ta' imniehru u tal-ispalla tax-xellug u ccertifika l-griehi bhala gravi specjalment minhabba qasma fix-xoffa t' isfel u suspett ta' ksur tal-imnieher.

Fis-seduta tas-16 ta' Marzu 2016 xehdet **Claire Pisani**, li tigi oht l-imputat. Hija stqarret li dakinhar li sehh l-incident kien mar ir-ragel taghha Joseph Pisani biex jiehu lit-tfal mid-dar ta' nannithom ghax kien

imissu l-access. It-tifel il-kbir, li ghandu tmien snin, ma xtaqx li jmur mieghu u Joseph riedu jmur bil-fors. Hija tghid li beda jsejjahlu diversi drabi u meta t-tifel iddecieda li jinzel, Joseph hatfu minn idejh, gibdu u habbatlu wiccu mal-bieb ta' barra. Dak il-hin hija gibdet lit-tifel lejha u kif ghamlet hekk, Joseph taha daqqa ta' ponn f'wiccha. Ix-xhud qalet li kienet ghadha kemm harget ordni ta' protezzjoni fil-konfront ta' zewgha minhabba l-imgieba tieghu matul iz-zmien ta' qabel. Waqt il-kommossjoni, nizlet omm ix-xhud kif ukoll huha, l-imputat Claudio Ellul, sabiex jaraw x'inhu jigri. Hekk kif l-imputat mar jipprova jferraqhom, minn hemm beda l-argument tant li hargu xi girien jifirduhom ukoll. Ix-xhud iccarat li minn din il-parti tal-incident ma ratx wisq minhabba li hija kienet marret hdejn it-tfal l-ohrajn li issa kienu qieghdin gewwa. Taf izda li Joseph beda jghajjat u jisfida lil huha l-imputat ghall-glied. Minn dak li rat hija certa li hekk kif tfacca huha, Joseph telaq lilha u mar jigri ghal fuqu, dahal fih bir-ras u mbaghad waqa' mal-art taht il-bankina.

Tkompli tghid li hekk kif Joseph Pisani kien ma' l-art, huha beda jzommu biex ma jkomplix jaghti. Dak il-hin firduhom il-girien jigifieri lill-imputat qalghuh minn fuq Joseph u lil Joseph gibduh in-naha l-ohra. Ix-xhud spjegat illi hekk kif Joseph kien qed jipprova jmur ghal huha, kien miexi b'rasu baxxuta jigifieri biex jidhol go fih bir-ras u tfixkel fil-bankina u waqa'. In kontro-ezami, ix-xhud giet murija ritratti tal-parte civile Joseph Pisani li allegatament ittiehdu in segwitu tal-incident. Skont hi, il-parte civile ma kellu l-ebda griehi vizibbli f'wiccu dakinhar tal-incident imma ccarat li eventwalment hi kienet dahlet gewwa hdejn it-tfal u ma kinitx regghat rat lill-zewgha. Hija eskludiet li l-imputat

beda jsawwat lil Joseph Pisani imma biss beda jipprova jzommu mill-jkompli jaghti.

Ix-xhud giet riprodotta in konto-ezami waqt is-seduta tal-11 t'Ottubru 2017 fejn ikkonfermat li fis-16 ta' Frar 2015 kienet ghadha kemm harget ordni ta' protezzjoni kontra zewgha. Skont hi, zewgha ma rrispettax din l-ordni u sahansitra inhargu ordnijiet simili sussegwenti. Skont hi, zewgha kiser ukoll il-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest ripetutament.

Fis-seduta tas-16 ta' Marzu 2016 xehed ukoll il-parte civile **Joseph Pisani**. Huwa spjega kif dakinhar tal-incident mar sabiex jigbor it-tfal mid-dar tal-kunjata tieghu u pparkja l-karozza mawdar tlett metri 'l boghod mid-dar u hekk kif daqqu s-sitta neqsin hames minuti cempel il-qanpiena. Fethet il-bieb il-mara tieghu Claire Pisani u kien hemm it-tifel iz-zghir. It-tifla kienet niezla t-tarag imma t-tifel il-kbir, Jake, ma kienx jidher. F'daqqa u l-hin it-tifel minn wara ommu hareg u qal "*papa illum ma nistax nigi jiena ghax ara ghandi tlett ponot f'idejja*" ix-xhud qal li imbaghad it-tifel qallu "*inti ma thobbnix. Ma gejtx tarani fil-birthday*" u rega tela' fuq. Ix-xhud qal li attwalment, dakinhar tal-birthday huwa ma kellux access u filfatt kien prova jmur jarah l-iskola imma dakinhar ommu ma kinitx baghtitu. Eventwalment it-tifel rega' nizel u hekk kif wasal hdejn il-bieb, ommu poggiet idejha fuq zaqqu u kif appena prova jaqbadlu idu, il-mara kienet pronta u taghtu daqqa bic-catt fuq wiccu taht ghajnejh il-leminija u qaltlu li "*t-tifel ma tmissux*" u bdiet ukoll tghajjat biex jitlaq minn fuq il-post. F'daqqa wahda, skont ix-xhud, mar xi hadd minn warajh tah daqqa fuq wiccu b'hafna sahha. Madankollu ma kienx jista' jispjega id-daqqa ta xiex kienet. Spjega li skont hu, din id-daqqa tahielu hu l-mara ghax hareg minn warajh u kien barra. Wara li

qala′ din id-daqaa waqa′ mal-art u baqghu jaghtuh filwaqt li t-tfal bdew jibku. Minhabba dan l-incident spicca ghamel il-punti u kellu bzonn X-Ray u meta mar jaghmel rapport l-ghassa, l-ispettur qallu li kien ser jigi arrestat u filfatt ghamel xahar u nofs il-habs.

Ix-xhud iccara wkoll li huwa ftit li xejn jiftakar mill-incident minhabba li skont hu, gie *knocked-out* wara l-ewwel daqqa u cahad illi huwa prova jidhol bir-ras fl-imputat. Id-daqqiet, inkluz bis-sieq, qalaghhom minghand l-imputat Claudio Ellul li skont hu, x′aktarx kien liebes safety shoes. Ix-xhud qal li waqt li kien arrestat, il-Pulizija hadulu l-mobile phone ma hallewhx ikellem avukat. Huwa jghid li huwa cert li z-zija tal-mara tieghu hija ufficjal tal-Pulizija u hija stazzjonata fl-ghassa taz-Zejtun. Fis-seduta tas-7 ta′ Jannar 2019 sar il-kontro-ezami tax-xhud. Huwa nnega li dakinhar tal-incident, cioe′ l-20 ta′ Frar 2015 huwa kien qieghed jiehu xi medicinali partikolari. Kien wara l-incident illi huwa beda jiehu l-anti-depressanti.

Fis-seduta tas-16 ta' Marzu 2016 xehed **l-Avukat Dr Franco Galea**. B′referenza ghar-ritratti li hemm ezebiti bhala Dok CB 1 fil-process, huwa kkonferma li ha dawn ir-ritratti huwa stess permezz tal-mobile phone tieghu nhar it-Tnejn 23 ta' Frar, 2015. Dawn ir-ritratti juru l-griehi allegatament subiti minn Joseph Pisani.

It-**Tabib Dr Mario Scerri** xehed fis-seduta tat-28 ta′ Settembru 2016 fejn huwa stqarr li fis-26 ta' Settembru 2016 huwa gie mahtur sabiex jaghmel ezami fuq il-persuna ta′ Joseph Pisani. Dan ipprezenta ruhu b′zewg lezjonijiet. Wahda minnhom kienet fuq in-naha ta′ gewwa tax-xoffa ta' isfel tal-halq li kienet kompatibbli ma lacerazzjoni subita minn blunt

trauma fuq ix-xoffa li habtet mas-sinna. Ix-xhud stqarr li Pisani kien qallu li waqt l-incident mertu ta' din il-kawza huwa sofra ksur f'imniehru izda minn investigazzjoni li ghamel ix-xhud mal-file tal-Isptar, irrizulta li Pisani kellu frattura tan-nasal bone pero fid-19 ta' Jannar 2016 wara li kien involut f'incident tat-traffiku. In kontro-ezami, ix-xhud gie referut sett ritratti li ttiehdu fit-23 ta' Frar 2015. Huwa spjega li skont dawn ir-ritratti, Joseph Pisani kellu abrazjoni fuq l-imnieher li hija kompatibbli ma' girfa, ghandu periorbital haematoma madwar I-ghajn ix-xellugija rizultat ta' blunt trauma fuq I-ghajn u dik hija ta' natura hafifa imbaghad fuq id-dahar hemm daqs xejn abrazjonijiet kompatibbli ma' blunt trauma u dawn ukoll huma ta' natura hafifa.

**L-imputat Claudio Ellul** xehed fis-seduta tas-6 ta' Marzu 2019 fejn huwa kkonferma illi Claire Pisani hija ohtu u Joseph Pisani kien ir-ragel taghha. B'referenza ghall-incident li nqala fl-20 ta' Frar 2015, l-imputat spjega li dakinhar kien qed jiekol ghand ommu u Joseph Pisani mar biex jiehu lit-tifel. Kif fetah il-bieb beda jghajjat lit-tifel imma dan ma riedx imur. Joseph beda jghajjat u jirrabja u wara ftit nizel it-tifel. Hekk kif nizel, Joseph qabadlu jdjeh, gibdu u habbatlu wiccu mal-antiporta tal-bieb ta' barra. L-imputat iccara li huwa ma rax dan isehh ghax kien qieghed fil-kcina dak il-hin imma seta' jisma' kollox. Ohtu kienet fil-bieb dak il-hin. F'daqqa wahda sema' lill-ommu, li kienet fit-tarag tghajjat "*gew fl-idejn, gew fl-idejn*". Dak il-hin l-imputat mar mill-ewwel hdejn il-bieb u t-tifel qallu li missieru kien habbatlu wiccu mal-bieb. Ra lil Joseph qed jaghti lill-ohtu bl-idejn. Hi bdiet tipprova tiskapulah u kif ra lill-imputat fil-bieb, mar jigri ghalih. L-imputat stqarr illi dak il-hin, hekk kif ra lil Joseph gej jigri lejh, huwa resaqlu, habat mieghu u meta Joseph

waqa' mal-art beda jrazznu ma' l-art minn spalltu u mill-flokk biex ma jergax iqum. Sadanittant, Joseph beda jistiednu ghall-glied. Dak il-hin hargu xi girien, fosthom certu Anthony u/jew Tony, li semghu l-ghajjat u zammew lil Joseph Pisani. Madankollu l-istess Pisani zgiccalhom u rega' gera lejn l-imputat li kien bilqieghda fuq l-ghatba imma tfixkel fil-bankina u rega waqa' mal-art. L-imputat spjega li ghall-habta taz-zmien li sehh dan l-incident, Joseph Pisani kien igib ruhu b'mod inkwetanti. Fost l-affarijiet li beda jaghmel, beda jcempel bil-lejl u jmur wara l-bieb taghhom f'diversi hinijiet. Stqarr ukoll li apparti dawn l-episodji, huwa minn dejjem kien jinnota certu stramberiji fil-komportament tieghu. Madankollu, qabel ma nqalghu l-problemi fiz-zwieg ta' bejn Joseph Pisani u ohtu , ir-relazzjoni tieghu ma' Pisani kienet wahda ta' hbiberija u qatt ma kien hemm incidenti ohrajn qabel dan. Huwa jghid ukoll li minn meta nqala' l-inkwiet matrimonjali, huwa beda sahansitra jevita li jiltaqa' mieghu.

**Mary Doris Ellul** xehdet ukoll fl-istess seduta. Hija tigi omm l-imputat u ddikjarat illi tixtieq tixhed fejn spjegat li t-tifla taghha Claire hija oht l-imputat u ghaddejja minn separazzjoni ma' zewgha Joseph Pisani. Hija kienet spiccat telqet mid-dar minhabba vjolenza domestika, fost affarijiet ohra u kien hemm anke' ordni ta' protezzjoni. Ix-xhud stqarret li dak iz-zmien Joseph Pisani kien "imkisser" minhabba li kien mikdud minhabba s-separazzjoni. Jumejn qabel sehh l-incident it-tifel ghalaq tmien snin u suppost Joseph mar ghalihom izda skont ix-xhud, meta wasal dan qalilha li ma kienx ser johodhom ghax kien ma jiflahx u li kien sejjer ghand it-tabib. Jumejn wara rega' kien imissu jiehu t-tfal u meta habbat, hija marret tiftahlu flimkien ma' Claire. Dak il-hin in-neputija riedet xi

haga mill-basket tal-iskola u x-xhud marret iggibielha. Dakinhar, it-tifel Jake ma kienx ried imur ma' missieru. Hija hu niezla t-tarag, minn wara l-persjana x-xhud setghat tara lil Joseph jaghti lil Claire. Ix-xhud stqarret li dak il-hin ghajtet ghall-ajjut u mar l-imputat. Hekk kif wasal fil-bieb, rat lil Joseph diehel bir-ras ghal go fih u wara ftit ratu jaqa'. L-imputat nizel fuqu mill-ewwel sabiex izommu. Imbaghad kien hemm xi girien qishom ikkalmaw is-sitwazzjoni u firduhom minn ma' xulxin. Wara ftit Joseph rega' mar jigri lejn l-imputat imma dak il-hin ix-xhud kienet dahlet gewwa bit-tfal. Hija kkonfermat illi fost il-girien li kienu fuq il-post kien hemm Anne Marie u Duncan Doublet. Skont ix-xhud, qabel dan l-incident ir-relazzjoni bejn Joseph Pisani u l-imputat kienet wahda tajba. Fis-seduta tas-27 ta' Jannar 2020 sar il-kontro-ezami tax-xhud. Hija kkonfermat illi t-tifla taghha ghanda tlett itfal li jisimhom Jake, Kylie u Keane. Dakinhar tal-incident il-kbir, li jismu Jake baqa' fuq u ma riedx jinzel ghall-bidu. Ir-raguni ghalfejn ma riedx imur ma missieru kienet probabbilment mihabba li jumejn qabel kellu l-birthday u ma gienx mar ghalih. Iccarat ukoll li x'hin inqala l-incident bejn Joseph u Claire hija kienet fuq. Ikkonfermat ukoll li taf li ftit tal-jiem qabel inqala' dan l-incident kienet inharget ordni ta' protezzjoni favur it-tifla taghha madankollu innegat li l-fatt li t-tifel ma riedx imur ghall-access kellu x'jaqsam ma' dan il-fatt. In kwantu ghall-griehi sofferti minn Claire dakinhar, hija qalet li kellha daqqa fuq wiccha u qisha bocca. Stqarret ukoll li skont ma rat hi, l-imputat kull ma ghamel kien li zamm lill-Joseph Pisani ma' l-art meta dan waqa' u li ma bediex jaghtih. Minhabba li kien ghad hemm it-tfal barra waqt l-incident, ix-xhud hadet hsieb li ddahalhom gewwa. Mistoqsija jekk ohtha hijiex membru fil-Korp tal-Pulizija ix-xhud wiegbet fl-affermattiv u kkonfermat illi hija stazzjonata

fl-ghassa taz-Zejtun. Ix-xhud stqarret illi hija ma tafx x′qalu tal-Agenzija Appogg fir-rigward tat-tfal imma tista′ tikkonferma li dan ma kienx l-ewwel incidenza fejn xi hadd mit-tfal ma riedx imur ghall-access mal-missier.

**Ikkunsidrat**

**Stqarrija ta′ l-imputat**

Illi l-istqarrija ta′ l-imputat Claudio Ellul ittiehdet nhar il-15 ta′ Marzu 2015 gewwa l-ufficju ta′ l-Ispettur (dak iz-zmien) Johann J. Fenech wara li kien inghata is-soliti twissija ta′ xiex gie investigat u wara li nghata d-drittijiet kollha tieghu dwar il-jedd li jikonsulta ma′ avukat tal-fiducja tieghu qabel issirlu xi interrogazzjoni[3].

L-istqarrija ta′ l-imputat ittiehdet madwar tlett gimghat wara l-incident, u cioe′ fil-15 ta′ Marzu 2015 fil-prezenza ta′ l-Ispettur (dak iz-zmien) Johann J Fenech u PS 583 Evan Grech. L-imputat ghazel li jiffirma kull pagna ta′ l-istqarrija.[4]

Illi fl-istqarrija, l-imputat jaghzel li jwiegeb ghad-domandi li sarulu pertinenti ghall-kaz wara li rrifjuta li jkellem avukat qabel l-interrogazzjoni u dahal f′hafna dettal dwar x′kien gara dak in-nhar ta′ l-incident kif ukoll l-involviment tieghu kif kien u l-involviment ta′ Joseph Pisani.

Madankollu u f'bażi preliminari tajjeb li din il-Qorti tistabilixxi jekk 1-istqarrija li ġiet rilaxxata mill-imputat hijiex amissibbli u tista ssir

[3] Folio 40 ta′ l-atti processwali
[4] Folio 40-41 ta′ l-atti processwali

infirenza f'dawn il-proċeduri u dan fid-dawl ta' ġurisprudenza reċenti mil-Qrati tagħna li bbażaw ruħhom fuq insenjamenti mill-kazistika tal-Qorti Ewropea għall-Ħarsien tad-Drittijiet tal-Bniedem. Meta ġie irilaxxata l-istqarrija tal-imputat, il-liġi Maltija ma kinitx tipprovdi għad-dritt ta' assistenza legali matul l-interrogazzjoni fejn irid allura jiġi stabbilit jekk l-istqarrijiet in kwistjoni kienux konformi mal-interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti Ewropea u dik Maltija tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għal Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Meta l-imputat rrilaxxa l-istqarrija tiegħu, huwa kien ingħata id-dritt li jikkonsulta mal-avukat tal-għażla tiegħu, liema dritt infatti huwa ma uzax[5]. Madankollu ma kien ingħata l-ebda dritt tal-preżenza tal-avukat tiegħu matul l-interrogazzjoni, għas-sempliċi raġuni li din il-proċedura daħlet fis-seħħ fil-liġi tagħna permezz tal-Artikolu 355AUA(8) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dan biss permezz tal-Att AL tas-sena 2016.[6] Kwindi din il-liġi daħlet fis-seħħ kważi sentejn wara li l-imputat ġie interrogat.

Jidher li minn dħul fis-seħħ ta' din il-liġi tqajjmu diversi lanjanzi kostituzzjonali fejn ġiet attakkata l-validita' tal-istqarrija ta' dak li jkun f'diversi każijiet pendenti ta' natura kriminali, meta alavolja sanċit bid-drittijiet tal-konsulta legali qabel l-interrogazzjoni u tat-twissija skont il-liġi, l-interrogat ma jkunx ingħata d-dritt li jkollu avukat preżenti matul l-interrogazzjoni. Fost dawn is-sentenzi hemm il-kawża kostituzzjonali fl-ismijiet ta' **Christopher Bartolo vs Avukat Generali et**[7] li tirrigwarda

[5] Folio 40 ta' l-atti processwali.
[6] Fit-28 ta' Novembru 2016
[7] Rikors kostituzzjonali 92/16.

1- ksur tad-dritt tas-smiegħ xieraq. Din ġiet ribadita mill-Qorti Kostituzzjonali li kkonfermat ukoll ir-rimedju konsistenti fl-isfilz tal-istqarrijiet li kienu ġew irilaxxati minn Christopher Bartolo matul il-proċeduri fil-konfront tiegħu. Fl-ewwel sentenza ta' din il-kawża, 1-Prim Awla tal-Qorti Ċivili kienet esprimiet is-segwenti:

*Il-Qorti rat ukoll illi anke 1-Qrati ordinarji Maltin diġa bdew jesprimu d-dubbji tagħhom rigward jekk, il-liġi, kif kienet dak iż-żmien, kienetx tiggarantixxi adegwatament d-dritt ta' smiegħ xieraq konsiderat illi ma kienetx tippermetti illi suspettat jkollu assistenza legali waqt 1-interrogatorju, u dan kif jidher fissentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali deċiża fis-6 ta' Ottubru 2016 fl-ismijiet Il-Pulizija (Spetur Jesmond J. Borg) vs Jason Cortis fejn intqal illi:*

*"...jista' jkun hemm lok għal-dibattitu dwar kemm il-provvedimenti tal-Kap 9 jirrispekkjaw d-dritt għall-assistenza legali mogħti lill-arrestat tenut kont ukoll illi dan id-dritt, kif eżistenti taġt il-liġi tagħna, huwa ristrett għal siegħa qabel 1- interoggatorju u b'hekk jeskludi 1-jedd tal-preżenza tal-avukat waqt 1-istess interrogatorju. F'dak 1-istadju 1-arrestat huwa soġġett għal mistoqsijiet diretti u suġġestivi bir-risposti tagħhom, anke jekk jagħżel li ma jweġibx, bit-traskrizzjoni tiegħu tkun eventwalment esebita fil-proċeduri kontrih fejn ikun meqjus innoċenti sakemm pruvat mod ieħor."*

*Huwa ċar għalhekk illi skont il-ġurisprudenza kostanti tal-Qorti ta' Strasbourg, hekk kif żviluppat u evolviet sussegwentement għas-sentenza ta' Salduz, ilgaranzija u protezzjoni ta' smiegħ xieraq tirikjedi illi 1-arrestat jingħata 1- possibilita li jkollu miegħu avukat tal-fiduċja tiegħu waqt, u mhux biss qabel, l- interogazzjoni. Għalhekk jidher illi 1-*

*argument tal-intimati illi dan l-ilment tarrikorrent huwa nfondat ghaliex kienet inghata l-possibilita li jkellem avukat qabel l-ewwel interrogatorju huwa nsostenibbli ghaliex mill-gurisprudenza appena citata, jidher car illi l-arrestat ghandu jinghata l-possibilita li jkollu avukat prezenti waqt l-interogazzjoni. M'huwiex kontestat, illi fiż-żmien in kwistjoni kien hemm restrizzjoni sistematika li kienet timpedixxi lill-arrestat milli jkollu avukat tal-fiduċja tiegħu preżenti waqt l-interrogazzjoni. M'huwiex ikkontestat ukoll illi r-rikorrent ma tħalliex ikollu avukat preżenti waqt l-ewwel interogazzjoni, u illi ma ingħatax aċċess għall-avukat tiegħu qabel jew waqt it-tieni interogazzjoni. Dan il-fatt waħdu, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti ta' Strasbourg, huwa biżżejjed biex tinstab leżjoni tad-dritt ta' smiegħ xieraq.*

In oltre jidher li dan l-insenjament qed jiġi adoperat u applikat fil-Qrati tagħna fil-preżent kull meta jiġu rinfaċċati bl-istess sottomissjonijiet fejn fost dawn is-sentenzi wiehed isib il-kawża fl-ismijiet **Pulizija vs Claire Farrugia**[8] deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) nhar l-20 ta' Novembru 2018, fejn l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali għamlet referenza ampja għal diversi kawżi minn żmien **Salduz vs Tukrija** fejn ġie ribadit kostantement illi l-prinċipju tas-smiegħ xieraq huwa mibni fost oħrajn fuq id-dritt tal-assitenza legali kemm qabel kif ukoll waqt l-interrogazzjoni u dan apparti rrappreżentanza legali matul il-proċeduri fil-Qorti.

Illi wkoll mill-analiżi tas-sentenzi kkwotati kif ukoll ta' dawk is-sentenzi li ssir referenza għalihom fil-korp tagħhom jidher li minkejja din ilposizzjoni, il-ġudikant imbagħad ikun irid jara jekk xorta waħda

[8] Appell numru 259/2018 ippresedut mill-Imhallef Consuelo Scerri Herrera.

hemmx provi biżejjed kontra l-persuna kkonċernata li fuqhom tkun tista' tinstab ħtija irrispettivament mill-ammissjoni li setgħet tkun saret flistqarrija. Dan kien fil-fatt il-każ fis-sentenza kontra Claire Farrugia fejn kienu nstabu wkoll provi materjali apparti l-ammissjoni tal-imputata permezz tal-istqarrija ġuramentata u li xorta waħda ġiet meqjusa bħala prova inamissibbli. Ġie meqjus ukoll illi l-Qrati għandhom jieħdu din il-posizzjoni anki meta ma jkunux ġew eżawriti r-rimedji ordnarji f'każijiet li kienu għadhom pendenti bħala salvagwardja għar-retta amminisstrazzjoni tal-ġustizzja.[9] In oltre dan il-prinċipju ġie ravviżat anki f'ċirkostanzi meta l- persuna arrestata tirrifjuta l-jedd tal-parir legali qabel l-interrogazzjoni għax dan ma jeskludix awtomatikament li hu kien ser jirrifjuta wkoll l- avukat matul l-interrogazzjoni u b'hekk waħda ma tistax titqies li teskludi lill-oħra.

Illi din il-posizzjoni tal-Qrati lokali giet ikkonfermata fil-kaz **Il-Pulizija vs Aldo Pistella**[10] fejn il-Qorti rriteniet:

*"il-qorti xorta hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-akkużat Pistella ladarba din, għallinqas f'parti minnha, ittieħdet mingħajr ma Pistella kellu l-għajnuna ta' avukat. Għalhekk, għalkemm għadu ma seħħ ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, fiċ-ċirkostanzi huwa għaqli illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill-istqarrija filproċess kriminali sabiex, meta l-proċess kriminali jintemm, ma jkunx tniġġes b'irregolarità – dik li jkun sar użu minn stqarrija li ttieħdet mingħajr ma l-interrogat kellu l-għajnuna ta' avukat – li tista' twassal għal konsegwenzi bħal tħassir tal-proċess kollu."*

[9] Ara s-sentenza fl-ismijiet Malcolm Said vs Avukat Generali datata l-24 ta' Ġunju 2016 kif ikkonfermata fil-Qorti Kostituzzjonali
[10] Qorti Kostituzzjonali; Deciza 14 ta' Dicembru 2018

Illi din il-posizzjoni tal-Qrati lokali giet ikkonfermata recentement fil-kaz **Graziella Attard vs Avukat Generali**[11] fejn il-Qorti rriteniet:

> *"Madankollu, billi ċ-ċirkostanzi fejn il-persuna interrogata tista' ma titħalliex tkellem avukat huma l-eċċezzjoni aktar milli r-regola, u din ilqorti għandha s-setgħa li tagħti rimedju fejn issib li disposizzjoni li tħares dritt fondamentali mhux biss "qiegħda tiġi" iżda wkoll meta "tkun x'aktarx sejra tiġi miksura", din il-qorti hija tal-fehma, kif osservat fis-sentenza mogħtija fl-24 ta' Ġunju 2016 fl-ismijiet Malcolm Said v. Avukat Ġenerali6 , illi ma jkunx għaqli – partikolarment fid-dawl ta' inkonsistenzi fis-sentenzi tal-Qorti Ewropea li joħloq element ta' imprevedibilità, kif jixhdu l-posizzjonijiet konfliġġenti li ħadet fil-każ ta' Borg u f'dak ta' Beuze – illi l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bilproduzzjoni tal-istqarrija mogħtija mill-attriċi lill-pulizija għaliex tqis illi, fiċ-ċirkostanzi, in-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat ma kienx nuqqas li ma jista' jkollu ebda konsegwenza ta' preġudizzju għall-attriċi, aktar u aktar meta fl-istqarrija ammettiet sehma fir-reat.*
>
> *Għaldaqstant tipprovdi dwar dan l-aggravju tal-avukat Ġenerali billi tgħid illi, għalkemm ma seħħ ebda ksur tal-jedd tal-attriċi għal smigħ xieraq meta ttieħditilha stqarrija, madankollu dik l-istqarrija ma għandhiex tibqa' fl-inkartament tal-kawża kontriha."*[12]
>
> *"din il-qorti ttenni li ma jkunx ghaqli li jsir uzu mill-istqarrija waqt il-process kriminali.."*[13]

F'dan il-kaz l-akkuzata ma nghatax l-opportunita' li titkellem ma avukat qabdel bdiet l-interrogazzjoni mill-pulizija.

[11] Deciza 27 ta' Settembru 2019; Qorti Kostituzzjonali
[12] Folio 11 u 12 tas-sentenza
[13] Folio 14 tas-sentenza

Il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubbblika ta' Malta vs Martino Aiello**[14] fejn l-ewwel Qorti irriteniet:

*"din il-gurisprudenza m'għadhiex applikabbli inkondizzjonatament safejn l-akkużat qiegħed jippretendi li l-istqarrija tiegħu mhijiex ammissibbli bħala prova abbażi tal-fatt waħdu li dak iż-żmien ma setax ikun assistit minn avukat waqt l-interrogazzjoni u waqt li kien qiegħed jirrilaxxja l-istqarrija. Anzi, għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni diversi fatturi li flimkien jagħmlu ċ-ċirkostanzi tal-każ.*

*Martino Aiello fl-ebda stadju ma kkontesta l-awtentiċità talprova li ġabet il-Prosekuzzjoni kontrih, liema prova mhijiex limitata għall-istqarrija in kwistjoni. Lanqas ma oppona għallpreżentata ta' dik l-evidenza. L-assjem tal-provi ser ikun evalwat minn Imħallef u għalhekk, minn persuna b'għarfien għoli tal-proċedura legali u l-liġi Maltija.*[15]

Illi din is-sentenza gie recentemet ikkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali.[16]

Kwindi konsegwentement a bazi tal-insenjamenti ravviżati u li jidhru li qabdu linja paċifika fil-Qrati Maltin u wara li ezaminat ic-cirkostanzi ta' l-imputat, stante li ma jirriżultax li kien hemm raġunijiet validi jew impellenti li setgħu jiġġustifikaw in-nuqqas tal-għoti lill-imputat tal-

[14] Qorti Civili, Prim' Awla, Onor. Imhallef Anna Felice, Deciza 17 ta' Ottubru 2019, Ref Kost: 38/2018AF
[15] Folio 25 tas-sentenza
[16] Deciza 27 ta' Marzu 2020, Imhallfin S.T.O Prim Imhallef Joseph Azzopardi, Onor Imhallef Giannino Caruana Demajo, Onor. Imhallef Anthony Ellul, Rikors Numru 38/18

assistenza legali matul l-interrogazzjoni għajr għall-fatt li dan il-prinċipju ma kienx għadu ravviżat fil-liġi Maltija fiż-żmien meta ġie interrogat, din il-Qorti tqis li għal din ir-raġuni oġġettiva, u sabiex żgur jiġi evitat li l-jeddijiet fundamentali tal-imputat jiġi b'xi mod ritenuti leżi minn din il-Qorti minħabba fl-użu tal-istqarrija tiegħu fil-ġudizzju tagħha, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi li tiskarta din l-istess stqarrijia u ma tqisiex bħala prova f dawn il-proċeduri.

**Ikkunsidrat**

**Talba ghal sfilz ta' dokument**

Ill waqt il-kontro ezami tax-xhieda Mary Doris Ellul, ix-xhud giet ikkonfrontata b'dokument konsistenti f'Nota tal-Agenzija Appogg.[17]

Wara s-smiegh ta' dan ix-xhud id-difiza talbet li dan id-dokument ghandu jigi sfilzat minhabba l-fatt li dan id-dokument gie pprezentat mill-parte civile wara li l-istess parte civile flimkien mal-prosekuzzjoni kienu ghalqu l-provi kif ukoll ghaliex dan id-dokument kien gie pprezentat fil-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fit-8 t'April 2015 u ghalhekk f'zmien meta seta' jigi facilment ipprezentat mill-prosekuzzjoni jew il-parte civile fl-istadju tal-provi taghhom.

Il-parte civile min-naha taghha rrilevat li kuntrarjament ghal dak li qed jimputa l-kontro-parti l-procedura tippermetti li meta xhud qed jigi kontro-ezaminat, partikolarment tkun qed tigi attakata l-kredibilita' tal-

[17] Dok FG1, Folio 210-214 ta' l-atti processwali

istess xhud, dak ix-xhud jista' jigi kkonfrontat anke b'dokument li mhux necessarjament ikun fl-atti sa dak l-istadju.[18]

Illi l-parte civile riedet tikkonfronta lix-xhud b'dak li kienet qed tghid b'fatti differenti hekk kif rapprezentanti fid-dokument FG1. In vista tal-fatt li l-konfront max-xhud fuq dak li intqal fid-dokument seta' kien utli u ta' importanza ghall-fatti mertu ta' l-incident, il-Qorti ordnat il-prosegwiment tal-kontro ezami bl-uzu tal-istess dokument.

F'dan ir-rigward, pero', din il-Qorti qabel xejn taghmel referenza ghall-artikolu 397(1) tal-Kodici Kriminali li jghid:

> *"(1) Il-qorti tista' tordna t-taħrika ta' xhieda u l-produzzjoni ta' provi li jkun jidhrilha meħtieġa, kif ukoll il-ħruġ ta'ċitazzjonijiet jew mandati ta' arrest kontra kull awtur ieħor jew kompliċi li hija tikxef. Il-qorti tista' tordna wkoll aċċessi, perkwiżizzjonijiet, esperimenti, it-teħid ta' xi kampjun* ***u kull miżura jew ħaġa oħra li tinħtieġ*** *biex il-ġabra tal-provi tal-kawża tkun kompluta minn kollox."* [enfasi tal-Qorti].

Ghaldaqstant fuq dan il-punt filwaqt li l-Qorti tikkonferma l-prezentata tal-istess dokument da parti tal-parte civile, u konsegwentement tichad kwalunkwe talba ghall-isfilz tieghu, tqis li fil-verita', il-htija o meno tal-imputat, kif ser jigi deciz f'din is-sentenza, mhijiex ser tkun bazata fuq dan id-dokument izda fuq punti ferm aktar krucjali kif ser jigi spjegat aktar 'il quddiem.

[18] Vide verbal tal-Qorti tas-seduta ta' nhar il-5 ta' Marzu 2020

**Ikkunsidrat**

**L-ewwel u t-tieni imputazzjoni**

Illi mix-xhieda ta' WPS 219 Erica Abela jirrizulta li l-parte civile Joseph Pisani kien fi stat agitat dak in-nhar ta' l-incident:

*"PC 841 infurmani qalli Surgent dan diga' taghni kedda, ghidtlu f'liema sens tak kedda, qalli dan beda jaqbad ic-cwievet u beda jghid li ha jmur go t-triq fejn toqghod il-mara tieghu flimkien ma' t-tfal u jsuq ghal fuqhom…..*

*Kien jidher eccitat u rrabjat, lanqas l-ordnijiet tieghi ma beda jobdi mill-ewwel, bil-kedded."*[19]

Illi mix-xhieda ta' l-Ispettur Johann Fenech jirrizulta li l-imputat intervjena f'argument li kien ghaddej bejn ohtu u r-ragel taghha Joseph Pisani. Ir-ragel ta' ohtu kien mar biex jigbor it-tfal taghhom pero' t-tifel taghhom Jake beda jirrifjuta li jmur mal-missier. Joseph Pisani beda jigbed lil ibnu lejn il-bieb ta' barra tad-dar u kif kien qed jaghmel hekk habbatlu rasu mal-bieb u hemm hekk Joseph Pisani rvilla u skont il-mara tieghu Claire, taha daqqa ta' ponn f'wiccha. Kien f'dan il-mument li hi bdiet tghajjat u nizlu ommha u huha li kienu fis-sular ta' fuq u li semghu l-ghajjat. Ħu Claire u ommha grew 'l isfel biex jaraw x'kien qed jigri, intervjena l-imputat, huha Claudio Ellul u nqalghet kommossjoni u glied bejniethom. Mix-xhieda jirrizulta li waqt din il-glieda, Joseph Pisani waqa' fl-art u habat rasu mal-bankina.

Skond xi xhieda, Joseph Pisani kien qieghed ta' spiss jikser il-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest li kellu f'kawza ohra u javvicina lil martu Claire Pisani u kkellimha meta mhux suppost.

[19] Folio 17 ta' l-atti processwali

Skond il-verzjoni ta' Claire Pisani, oht l-imputat, Claudio Ellul hareg biex jifred il-glied li kien hemm bejnha u l-vittma, l-ex ragel taghha Joseph Pisani.

*"Xhud: It-tifel kien fil-bieb jibki u ra lit-tifel jibki u li kien wegga' u hareg biex jifridna.*

*Qorti: min hareg?*

*Xhud: Hija Claudio Ellul*

*Qorti: Imbaghad x'gara?*

*Xhud: mieghi infired, gew fl-idejn huma jigifieri minn hemm hekk beda l-argument imbaghad hargu l-girien jifirduhom ukoll. Jiena ma tantx rajt minn dak il-hin ghax dhalt gewwa, ghax jiena ghandi tlett itfal u kienu qieghdin jibku u mort fejn it-tfal. Li naf li firduhom il-girien u l-ahhar kif kont diehla mill-bieb ta' barra, smajt lil Joseph jghidlu biex jerga' jisfidah ghal glied mill-bieb ta' barra, smajt lil Joseph jghidlu biex jerga' jisfidah ghal glied jigifieri kienu infirdu u rega' beda jghajjatlu. Ma niftakarx id-diskors ezatt u wara dhalt gewwa ehe jien. Naf li rajt lil hija gej warajja jigifieri, Joseph rega' gej ghalih u beda jistiednu biex jergghu jiggieldu.*

*……..*

*Jien kif nizel hija Joseph telaq lili u mar ghal hija mill-ewwel, gie baxx dahal go fih bir-ras jigifieri lil hija u rajtu ukoll jaqa' lil Joseph ma' l-art.*

*Qorti: jigifieri lil min rajt jitbaxxa u jibqa' diehel bir-ras?*

*Xhud: kif gie hija, Joseph nizel isfel u dahal bir-ras go hija u dak il-hin kif kien diehel bir-ras jigifieri waqa' ma' l-art, gew fl-idejn, hargu l-girien, firduhom u kif kont diehla gewwa jiena naf li hija kien diehel warajja u*

*qed nisma' lil Joseph jghidlu biex jerga' jistiednu biex jerga' jiggieled mieghu….*

*…….*

*Li naf li kien hemm hija kien qieghed ma' l-art izomm lil Joseph biex ma jaghtix dak il-hin li firduhom il-girien jigifieri lil hija qalghuh minn fuq Joseph u lil Joseph gibduh in-naha l-ohra.*

*Spettur Fenech: dan Pisani biex allegatament sofra dawk il-griehi allura, biex gew ikkagunati lilu dawk il-griehi? X'rajt inti? Rajt xi haga li setghu?*

*Xhud: jien li naf li rajtu waqa' ma' l-art lil Joseph. Waqa' u gie taht il-bankina.*

*Spettur Fenech: kif waqa' ma' l-art imma?*

*Xhud: dak il-hin tbaxxa biex jipprova jmur ghal hija, kien miexi b'rasu baxxuta jigifieri biex jidhol go fih bir-ras u tifxkel fil-bankina u waqa'."*[20]

Illi l-istess xhud tkompli biex tispjega li l-involviment ta' huha, l-imputat kien:

*"jiena lil hija rajtu x'hin Joseph kien ma' l-art mar fuqu u zamlu idejh jigifieri Joseph kien qieghed tahtu u hija qed izommlu idejh biex ma jiggieldux jigifieri biex ma jkomplix jaghti.*

*Spettur Fenech: rajtu jaghmel xi haga ohra?*

*Xhud: Le."*[21]

---

[20] Folio 53, 54, 55 u 56 ta' l-atti processwali
[21] Folio 56 u 57 ta' l-atti processwali

L-istess xhud tikkonferma li dak in-nhar ta' l-incident meta gie l-ex ragel taghha ma kellu ebda sinjali fuq wiccu, allura dawk il-girehi li sofra l-vittma saru b'konsegwenza ta' l-incident li kien sehh dak in-nhar.[22]

Ix-xhud insistiet li l-imputat nizel biss hdejha u l-ex ragel taghha meta hi u r-ragel taghha gew fl-idejn u mhux qabel ghax *"ma riedx li jidhol fl-inkwiet ghax kemm il-darba sfidah ghal glied."*[23]

Illi l-vittma Joseph Pisani fix-xhieda tieghu jghid li l-ex mara tieghu Claire Pisani dak in-nhar ta' l-incident tatu daqqa f'wiccu:

> *"Xhud:……………sa dan it-tant kienet pronta l-mara u taghtni daqqa hawn hekk fuq wicci u qaltli t-tifel ma tmissux, qaltli ma jridx jigi mieghek u f'daqqa u l-hin ghidilha Claire.*
>
> *Qorti: jigifieri l-mara tieghek qed tghidli li taghtek daqqa fuq wiccek?*
>
> *Xhud: hawn hekk iva.*
>
> *Qorti: taht ghajnejk il-leminja.*
>
> *Xhud: dak il-hin daqqa.*
>
> *Qorti: issa d-daqqa kif kienet daqqa ta' ponn/imbuttatura?*
>
> *Xhud: daqqa hawn hekk fuq wicci.*
>
> *Qorti: bic-catt."*[24]

L-istess xhud Joseph Pisani jkompli jghid:

[22] Vide Dok CP1 folio 89 ta' l-atti processwali
[23] Folio 64 ta' l-atti processwali
[24] Folio 73 u 74 ta' l-atti processwali

*"sa dan it-tant gie xi hadd jigri minn warajha dak il-hin u naqla daqqa tghidlix jekk hux ta' ponn, jekk hux ta' sieq, jekk hux ta' hadida jekk hux ta' injama, isaqsiniex ghax mhux ser nirrispondi li bid-daqqa li hadt innokjajt ruhi ma' l-art bid-daqqa li hadt.*

*Id-daqqa qlajtha fuq wicci."*[25]

Meta gie mistoqsi x'kienu l-kawzi tal-feriti fuqu a bazi ta' dak li gie muri f'dokument CP1 l-istess xhud jghid:

*"ikolli nghid li ta' daqqa, daqqa imma ma nistax niddeskrivi kif giet dik id-daqqa ghax sturdejt."*[26]

Meta kien mistoqsi direttament minn fejn qala' d-daqqa principali fuq wiccu jghid:

*"Dr. Sciriha: Issa min kienet din il-persuna li taghtek din id-daqqa?*

*Xhud: jiena jkolli nghid li huwa hu l-mara, ikolli nghid li huha ghax hareg minn warajha jigri u daqqa jigifieri li nokkjani ma' l-art u baqghu jaghtuni ma' l-art.....u baqghu jaghtuni qed nghidlek, baqghu jaghtuni ma' l-art, quddiem it-tfal, tifel ta' erba' snin, tifla ta' sitt snin u tifel ta' disa' snin quddiemhom u jaraw lil missierhom jaqla' ma' l-art.*

*Dr. Sciriha: jigifieri inti qlajt xebgha kbira qed tghid?*

*Xhud: xebgha kbira, nahseb mhux xebgha jghidulha dik, fragellawni*

*.........*

*Dak il-hin ma niftakarx, dak il-hin li niftakar huwa d-daqqiet li bdejt naqla' fuq wicci jigifieri ma' l-art....ma nistax niddeskrivi, ma nistax*

---

[25] Folio 74 ta' l-atti processwali

[26] Folio 75 ta' l-atti processwali

*niddeskrivi ezatt x'gara imma d-daqqiet li bdejt naqla, daqqa ta' sieq go wicci zgur qlajtha, zgur, zgur, zgur."*[27]

Ix-xhud jinnega li beda jaghti lill-imputat ghaliex kien ma' l-art sturdut u cahad li ghamel ghalih bir-ras. Pisani jkompli biex jiddentifika lill-imputat bhala l-persuna li kien qed jaghtih id-daqqiet.

*"Dr. Sciriha: u min kien qed jaghtik id-daqqiet bis-sieq?*

*Xhud: 99.9%/100% anzi mhux 99.9% Claudio Ellul".*[28]

Izda meta kien mistoqsi dwar min ghamillu l-griehi fuq xoftu bil-konsegwenza li kellu bzonn punti ma setax jindentifika lill-imputat b'mod car.

*"Dr. Sciriha: min ghamilhomlok il-punti?*

*Xhud: bid-daqqiet, ma nistax nghid Cikku jew Peppi jew Frans jew Leli jew bid-daqqiet li qlajt.*

*Dr. Sciriha: pero in-nies madwarek waqt li int kont ma' l-art, min kienu?*

*Xhud: Claudio, Claire u l-kunjata.*

*Dr. Sciriha: id-daqqiet ibsin minn fejn kienu gejjin?*

*Xhud: minghand Claudio?"*[29]

L-imputat ghazel li jixhed b'mod volontarju u fix-xhieda tieghu jispjega li r-raguni ghalfejn nizel hdejn Joseph Pisani u ohtu kienet li dak il-hin Joseph Pisani kien qed issawwat lill-ohtu Claire u mar biex jiddefendiha.

---

[27] Folio 76 u 79 ta' l-atti processwali
[28] Folio 79 ta' l-atti processwali
[29] Folio 80 ta' l-atti processwali

*"Claudio Ellul: Hi bdiet tipprova tiskapulah u kif ra lili fil-bieb ghax jien inzilt biex niddefendi l-ohti, kif ra lili fil-bieb gie ghalija, gie jigri ghalija, hu, qabad l-ohti tefaghha gol-garaxx, hekk, u gie ghaliha."*[30]

Ikompli jispjega:

*"U kif gie jigri ghalija, ersaqtlu jien, habat mieghi u waqa fl-art u razzantu mal-art biex ma jergax iqum, bhal speci u f'waqa beda jghidli tini tini.*

…….

*Magst: Meta waqa mal-art, kif gie, wiccu 'l fuq, wiccu l-isfel, lagenba?*

*Claudio Ellul: Gie fil-genb u bdejt inzommu minn hawn, jien biex ma jdurx."*

*Magst: Minn spalltu, jigifieri bdejt izommu?*

*Claudio Ellul: Iva, qbadtu mil-flokk hekk u zammejtu fl-art u hargu n-nies peress li beda jghajjat, zammew lilu u harguh minn tahti u jien ersaqt in-naha l-ohra biex ma jigix. Sadanitant sakemm resquh tlajt fuq l-ghatba jien, qieghed bil-gakketta b'idejha fil-but u beda jghidli, din ma tieqafx hawn, ma tieqafx hawn, u kif indur narah rega gej bil-girja ghalija, tfixkel gol-bankina u zammejtu fl-art ergajt u n-nies bdew izommuh ukoll ghax beda jipprova jsawwatni."*[31]

Illi mix-xhieda ta' omm l-imputat jirrizulta li kienet hi li talbet lill-imputat sabiex jintervejni fil-glieda li kienet ghaddejja bejn bintha u Joseph Pisani.

[30] Folio 155 ta' l-atti processwali
[31] Folio 156 ta' l-atti processwali

Omm l-imputat Mary Doris Ellul tghid ukoll li tiftakar li *"rajt lil Joseph gej qisu bir-ras ghal go fih u rajtu jaqa' u t-tifel niezel fuqu mil-ewwel u zammu….. Imbaghad li niftakar rajt lil Joe rega gej jigri lura beda jghajjat dak il-hin, jiena imbaghad ma nafx x'gara, dak il-hin dhalt 'l gewwa biex niehsu hsieb it-tfal."*[32]

Meta mistoqsija kien Joseph Pisani ma l-art tikkorobora dak li qal l-imputat.

> *"Joseph mal-art….. Kien qisu la genba ezatt… u t-tifel tieghi kien qed izommu."*[33]

Tkompli biex tghid li *"ma rajtx feriti"…..jien f'hin minnhom, darba minnhom anke rajtu jaqa' mal-art….. tfixkel, tfixkel u waqa' jigifieri"*[34].

Mistoqsija direttament jekk ratx lill xi hadd jaghti lil Joseph Pisani tghid:

> *"Xhud: Le jien ma rajt.*
>
> *Dr. Franco Galea:……. Bil-gurament li ma rajt lil hadd ittih?*
>
> *Xhud: Le."*[35]
>
> *………*
>
> *Xhud: Ma rajtux itih.*[36]

L-istess xhud tikkorobora dak li qal l-imputat li Joseph Pisani stqarr li *Inpattihielek"*.

---

[32] Folio 162 ta' l-atti processwali
[33] Folio 200 ta' l-atti processwali
[34] Folio 202 u 203 ta' l-atti processwali
[35] Folio 203 ta' l-atti processwali
[36] Folio 204 ta' l-atti processwali

**Ikkunsidrat**

**Il-griehi sofferti mill-vittma**

Illi mic-certifikat mediku[37] u x-xhieda tat-tabib Dr. Adrian Cordina jirrizulta li l-vittma soffra diversi griehi f'wiccu partikolarment, f'imniehru, ghajnejh ix-xellugija u x-xoffa fejn anke kellu qasma, f'rasu u dahru. It-tabib ikkonferma li iccertifika l-griehi bhala gravi:

> *"Ghax sibtlu qasma fix-xoffa ta' isfel* ***u kelli suspett ta' ksur*** *ta' l-imnieher ghalhekk baghatu ghal X Ray."*[38]

Joseph Pisani fil-fatt jikkonferma li kien ittiehidlu x-ray gewwa l-Polyclinc tal-Mosta, izda fix-xhieda tieghu ma jindikax li rrizultalu xi ksur f'imniehru.[39]

Stante li t-tabib Dr. Adrian Cordina ma regax ezamina lill-parte civile sabiex jikkonstata n-natura tal-griehi wara li ghadda z-zmien, gie maqbud it-tabib Dr. Mario Scerri sabiex jezaminah u jikkonstata n-natura tal-griehi sofferti minnu.

Joseph Pisani qal lit-tabib *"illi rizultat ta' dan l-incident dan spicca b'ticrita fuq in-naha ta' gewwa tax-xoffa t'isfel tal-halq* ***u frattura tal-ghadam tal-imnieher****."*[40] [emfasi tal-Qorti].

Meta t-tabib ezamina l-X-rays li ttiehdu lil Joseph Pisani dak in-nhar ta' l-incident irrizulta li ma kien hemmx fratturi fl-imnieher.

---

[37] Dok JF1, folio 47 ta' l-atti processwali
[38] Folio 43 ta' l-atti processwali
[39] Folio 84 ta' l-atti processwali
[40] Dok MS1 folio 111 ta' l-atti processwali

Illi mill-indagni li ghamel it-tabib Dr. Mario Scerri irrizulta li l-vittma ma kienx soffra frattura tal-ghadam tal-imnieher zmien **wara** dan l-incident.

It-tabib sar jaf li sussegwentement ghal dan l-incident, Joseph Pisani kien involut f'incident tat-traffiku nhar id-19 ta' Jannar 2016 fejn f'din l-okkazzjoni kien hemm frattura tan-*nasal bones*.[41]

Fil-konkluzjoni ta' l-ezami tieghu, l-istess tabib jerga jikkonferma li Joseph Pisani waqt l-ezami informah *"Illi rizultat ta' dan l-allegat incident dan qal lill-esponent illi garrab ticrita fuq in-naha ta' gewwa tax-xoffa t'isfel tal-halq* ***u ksur fl-ghadam tal-imnieher.****"*[42] [emfasi tal-Qorti].

Fix-xhieda tieghu, it-tabib Dr. Mario Scerri jghid li Joseph Pisani ma kien semmielu xejn dwar l-incident ta' traffiku li kellu wara fejn kien kiser imniehru u jghid li *"….fid-19 ta' Jannar 2016, hu ma semmieli xejn."*[43]

In konkluzjoni t-tabib jikkonferma li Joseph Pisani ma setax garrab lezjonijiet ta' natura gravi, izda li kieku kellu l-frattura fl-imnieher, kif kien inzjalment qallu Joseph Pisani, dan kien jirrizulta f'griehi gravi per durata.

Hawnhekk il-Qorti ma tistax ma tikkumentax fuq in-nuqqas ta' kooperazzjoni ta' Joseph Pisani meta mar biex jigi ezaminat mix-xhud Dr. Mario Scerri. Jirrizulta li l-informazzjoni li ta lit-tabib ma kinitx korretta u li kieku t-tabib qaghad fuq dak li qallu biss Joseph Pisani u m'ghamilx l-indagni tieghu u ra l-*case records* mill-Isptar kien iwassal biex it-tabib jasal ghal konkluzjoni differenti u skoretta, dwar il-ksur f'imniehru.

---

[41] Dok MS1 folio 118 ta' l-atti processwali
[42] Dok MS1 folio 119 ta' l-atti processwali
[43] Folio 102 ta' l-atti processwali

Oltre dan, u ta' importanzi legali, kien ifisser ukoll li l-imputat illum kien ikollu wiegeb ghal akkuzi ferm aktar serji li jgorru konsegwenzi ferm akbar.

Minkejja li kien xehed f'dawn il-proceduri, Joseph Pisani ma kien ta ebda skuza jew raguni ghal dan l-agir tieghu li evidentement kien intiz biss biex jizvija lit-tabib u jittenta jaddebita konsegwenzi akbar fil-konfront tal-imputat. In kwantu l-agir tax-xhud Joseph Pisani gie zvelat mix-xhud Dr. Mario Scerri, l-agir tieghu iservi biss biex jitfa dell fuq il-kredibilita' tieghu.

Jidher ghalhekk li l-prosekuzzjoni u l-parte civile ghazlu li jistriehu principalment, jekk mhux unikament, fuq ix-xhieda tal-parte civile biex jipprovaw il-kaz taghhom. Meta l-prosekuzzjoni taghzel li tistrieh fuq ix-xhieda ta' xhud wiehed biss, hija ggorr il-piz li trid tipprova li dik ix xhieda hija wahda kredibbli u soddisfacenti u li ma ggorrx maghha dubji ragonevoli.

Huwa risaput li *"hija regola tal-procedura kriminali li l-prova trid tkun shiha u soddisfacenti"* (**Pulizija vs Paolo Farrugia,** App. Krim. (inf.), 1.8.1959) u li, bhala <u>principju fondamentali tal-process gudizzjarju fil-kamp penali</u>, il-provi migjuba jridu jwasslu ghal sejbien ta' htija minghajr dubju dettat mir-raguni, *"u jekk jezisti dak id-dubju, dan imur favur l-akkuzat"* (**Repubblika ta' Malta vs Jose' Edgar Pena** (App. Krim. (superjuri) 5.12.2012; u **Repubblika ta' Malta vs George Spiteri**, (App. Krim. (superjuri) 5.7.2002)). Naturalment, mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat liberat: id-dubju irid ikun

wiehed dettat mir-raguni (**Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** [App. Krim. 7.9.1994]).

Illi filwaqt li l-prosekuzzjoni tistrieh fuq il-provi principali tal-parte civile sabiex tipprova l-kaz taghha, din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li jghid l-artikolu 638(2) tal-Kodici Kriminali.

> *(2) B'dan kollu, f'kull każ, ix-xiehda ta' xhud biss, jekk emmnut minn min għandu jiġġudika fuq il-fatt, hija biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar.*

Dan ifisser li jekk ix-xhieda ta' xhud wiehed biss hija emmnuta tista tikkonstata prova bizzejjed. Illi dan il-principju gie ritenut fil-kaz **Il-Pulizija vs Joseph Thorne**[44]

> *"mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni talpersuna akkuzata. Imma l-Qorti, f'kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond ilkriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux."*

Madankollu kif gie spejgat fil-kaz **Il-Pulizija vs Matthew Borg**[45]

> *"Illi fid-dawl tas-suespost u cioe' x'inhu l-ahjar prova, il-Qorti tissottolinea li huwa ben saput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat w individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew*

[44] Deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali nhar id-9 ta' Lulju 2003
[45] Deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali nhar il-10 ta' Novembru 2014

*interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi ndividwali jew separata talprovi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament."*

Minkejja dan u kif diga' gie spjegat aktar 'il fuq f'din is-sentenza din il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt li l-parte civile, meta gie ezaminat mit-tabib Dr. Mario Scerri, kien ittenta, b'mod attiv jew passiv, jizvija lill-istess tabib u tah jew iggwidah b'informazzjoni li ma kinetx minnha u/jew tah x'jifhem li l-ksur ta' mniehru kien rizultat ta' l-incident mertu ta' dan il-kaz meta fil-verita' kien mertu ta' incident tat-traffiku li kien sehh zmien wara.

Il-Qorti hawn taghmel referenza ghal kaz **Il-Pulizija vs Kieran Vella**[46]

*" Issa meta l-Qorti tasal biex taghzel bejn verzjoni u ohra, naturalment jittiehdu in konsiderazzjoni id-diversi parametri fosthom il-komportament tax-xhieda biex wiehed jara kemm dak li qed jghidu ghandu missewwa jew le."*

Il-Qorti ghalhekk fl-ezami ta' dak kollu li ghandha quddiemha trid tara u tqis jekk hemmx provi bizejjed sal-grad rikjest mill-ligi kif tipprovdi l-gurisprudenza taghna. F'dan ir-rigward, din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li jghid Lord Denning fil-kaz **Miller vs Minister of Pension**[47] u cioe':

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so*

[46] Deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali nhar is-6 t'Ottubru 2016
[47] 1974 – 2 ALL ER 372

*strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing short of that will suffice".*

**Ikkunsidrat**

Illi l-akkuza principali li bih tressaq l-imputat jaqaw taht il-kappa ta' l-artikolu 214 u 216(1) tal-Kodici Kriminali fejn gie akkuzat li minghajr il-hsieb li joqtol jew li qieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna offiza grazi fuq il-persuna ta' Joseph Pisani.

Illi minn ezami tar-rapport ta' tabib Dr. Mario Scerri l-ferita gravi ma tirrizultax fuq il-parte civile u l-prosekuzzjoni ma ressqitx iktar provi f'dan ir-rigward u strahet fuq ir-rapport tat-tabib Dr. Mario Scerri.

Minn ezami tal-kumplament tar-rapport, ic-certifikat mediku kif ukoll ir-ritratti esebiti, jirrizulta li kien hemm feriti hfief fuq il-persuna ta' Joseph Pisani f'diversi f'postijiet f'gismu.

Il-kontestazzjoni principali hija dwar kif irrizultaw dawk il-feriti hfief u minn min gew kagonati.

Il-prosekuzzjoni u l-parte civile jghidu flimkien li dawk il-feriti subiti minn Joseph Pisani huma unikament rizultat ta' meta Joseph Pisani tfixkel, waqa' u habat mal-bankina.

Min-naha l-ohra jinsab konfermat ukoll li Claire Pisani giet fl-idejn ma' Joseph Pisani. L-imputat u z-zewg xhieda l-ohra xehdu li l-griehi huma rizultat tal-fatt li Joseph Pisani kien waqa' darbtejn, u sahansitra anke

habat ma' bankina u li l-unika r-raguni ghalfejn ressaq dan ir-rapport huwa sabiex jaghmel vendikazzjoni lejn l-imputat u familtu in vista tar-relazzjoni li tkissret bejnhu u ohtu.

L-imputat iressaq id-difiza li l-unika raguni ghalfejn intervjena u razzan lil Joseph Pisani kien biex jipprotegi lil ohtu u n-neputi tieghu wara li Joseph Pisani u martu gew fl-idejn u semaghhom jghajjtu u jiggieldu.

Il-Qorti taghmel wkoll referenza ghal dak li jghid l-artikolu 638(1) tal-Kodici Kriminali

> *(1) Bħala regola, għandu jitqies li tinġieb il-prova l-aktar sħiħa u sodisfaċenti illi l-każ ikun jagħti, u li ma jitħalla barra ebda xhud li x-xiehda tiegħu tkun importanti.*

Din il-Qorti tosserva li minkejja li numru ta' xhieda ohra kienu maghrufa lill-prosekuzzjoni u l-parte civile, fosthom certu Anthony u/jew Tony, u anke Anne Marie u Duncan Doublet[48], il-prosekuzzjoni ma ressqithomx quddiem din il-Qorti. Dawn il-girien kienu dawk li intervjenew fizikament, allegatament, biex iferrqu lil Joseph Pisani u l-iimputat. Dawn ix-xhieda kienu jkunu proprju dawk li kienu jservu ta' xhieda okulari u, possibbilment, imparzjali.

Il-Qorti tqis li b'hekk hija giet imcahhda mill-opportunita' li tisma' u tqis xhieda ta' persuni li, fl-ahhar mill-ahhar, mhumiex involuti direttament mal-familja ta' l-imputat jew tal-parte civile jew il-kwistjonijiet ta' bejniethom. Li kieku tressqu, possibilment din il-Qorti setghet tevalwa

[48] Folio 162 ta' l-atti processwali

l-provi wkoll a bazi ta' dak li raw u semghu u setghu iservu ta' bilanc jew kjarifika ta' kif graw l-affarijiet. Fid-dawl tal-kunflitt evidenti bejn ix-xhieda tal –parte civile Joseph Pisani, u tax-xhieda l-ohra prodotti mill-prosekuzzjoni u mid-difiza, dan in-nuqqas, u l-ghazla tal-prosekuzzjoni li tistrieh fuq ix-xhieda ta' Joseph Pisani wahdu, necessarjament iwassal sabiex jintroduci element ta' dubju ragonevoli dwar kif verament graw l-affarijiet u x'kien jew ma kienx ezatt l-involviment ta' l-imputat.

Fil-fatt, mill-provi kollha prodotti jirrizulta li hemm kunflitt ta' provi dwar kif gew kagonati l-griehi fuq Joseph Pisani. Fil-waqt li l-imputat jghid li huwa cert li l-griehi huma kagun ta' l-imputat, huwa jghid li d-daqqa giet minn warajh. Inoltre, l-imputat u zewg xhieda ohra jghidu mod iehor u cioe' li, minn dawk li raw, l-imputat razznu ma' l-art biss u li l-griehi graw meta Pisani waqa' ma' l-art wahdu.

A skans ta' ripetizzjoni, l-istess ragunament hawn fuq spjegat jghodd ghaz-zewg imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tal-imputat.

Ghaldaqstant minn dak li ezaminat il-Qorti, wara li qieset ix-xhieda moghtija u ezaminat id-dokumenti ma tarax li l-prosekuzzjoni ppruvat il-kaz taghha sal-grad rikjest mill-ligi b'tali mod li l-Qorti tista' tasal ghal decizjoni li hija *safe and satisfactory*. Ghaldaqstant din il-Qorti serja biex tillibera lill-imputat mill-akkuzi li tressqu kontrih.

**Decide**

Ghaldaqstant l-Qorti wara li rat l-artikoli 214, 216(1), 339(1)(d) u 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lil Claudio Ellul **mhux hati** ta' l-ewwel u tat-tieni imputazzjonijiet dedotti kontrih u tilliberrah minn kull htija u piena.

**Deciza illum nhar is-16 ta' Gunju 2020 fil-Qrati tal-Gustizzja Valletta, Malta**

**Dr. Nadine Lia**

**Magistrat**

**Lorriane Spiteri**

**Deputat Registratur**